**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 40**

**L-Erbgħa 18 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa fil-binja tal-Kunsill Lokali, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk illum L-Erbgħa 18 ta' Mejju, fl-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
☎:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| **40.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 40.1.1 | Xejn |
| 40.1.2 | Id-Deputat Segretaju Eżekuttiv, Is-Sur Carmel Attard informa li Elenia Desira ser tidħol ftit tard għas-Seduta. Informa ukoll li bħalissa il-Kunsill jinsab b'Kunsillier nieqes għax għadu ma nstab ħadd minflok l-ex Kunsilliera Janice Chetcuti. |
| **40.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 40.2.1 | Stephen Caruana ppropona u ssekonda Daniel Zerafa bħala korretti, il-minuti tas-Seduta preċedenti numru 39 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **40.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 40.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-27 t`April 2022, is-Sindku kellu laqgħa, mal-Community Safety Partnership flimkien mal-Pulizija tal-Komunita, rappreżentanti tal-Lands Dept, Rappreżentanti tal-PA, u l-Awtorità tat-Turiżmu fejn ġie diskuss il-problema tal-imwejjed u siġġijiet fuq il-Promenade fejn wara l-Kunsill tefa' r-responsabiltà fuqu u għamel il-linja safra bħala indikazzjoni li ħadd ma jista jingombra mis-sinjal l-isfar sa ħdejn il-baħar.Waqt id-diskussjoni iddeċidew li jistiednu il-LESA għal laqgħa li jmiss. |
| 40.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-5 ta` Mejju 2022 is-Sindku kellu laqgħa flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat ġewwa l-Ministeru tal-Enerġija fejn ġie diskuss ġnien Triq il-Labour u l-ġnien ta` wara l-Car Park u fuq il-kwistjoni tad-dawl li hemm fil-Magħluq. |
| 40.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-9 ta`Mejju 2022 is-Sindku kellu laqgħa mal-Comunity Safety Partnership flimkien mal-Pulizija tal-Komunità, raprezentanti tal-Lands Dept, raprezentanti tal-Awtorita tat-Turiżmu u Rappreżentanti tal-LESA fejn kullhadd qabel li s-sinjal l-isfar li sar fil-promenade kien suċċess. Kien hawn li is-Sindku Steven Grech saqsa lil dawk preżenti jekk jaqblux li jsir is-sinjal tan naħa tal bankina fejn hemm ir-ristoranti. Kien hemm qbil li s-sinjali isfar isisr bejn dawk preżenti. |
| 40.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-16 ta` Mejju 2022, is-Sindku kellu laqgħa ma Eliżabeth Aquilina mill- FTZD fejn ġie diskuss ir-ramel taż-żewġ bajjiet sabiex jiġi mnaddaf, it-tapit ta l-Għar l-Aħmar, u *refurbishment* tal-bankijiet ta Xatt is-Sajjieda. Wara flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard attendew għal-laqgħa ġewwa l-Kunsill Reġionali tan-Nofsinhar fejn ġie diskuss il-Kuntratt tal-ġbir tal-iskart.<br><br>Is-Sindku informa dwar l-iskeda ġdida tal-ġbir tal-iskart li ser tkun l-istess ma' Malta kollha u li ġiet deċiża u approvata fil-Parlament. Ġew preżentati żewġ skedi tal-ġbir fejn ġie spjegat kif ser jitnaqqas il ġbir tal-borża is-sewda u dik tar-riċiklaġġ fl-ewwel skeda B fis-seħħ min Novembru 22, kif ukoll it-tibdil fl-iskeda konsegwenti Skeda C fis seħħ mis-sena 2026 fejn ser jiġi separat lis-skart riċiklabbli. Rigward l-iskart tal bins irid jinġabar mill-kenniesa. |

| | |
|---|---|
| 40.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jirranġa id-dekasteri. |
| **40.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 40.4.1 | Xejn |
| **40.5** | ***Master plan* mal-Lands:** Is-Sindku Steven Grech informa lis-Segretarju Permanenti kien mat-Turiżmu u jaf xi problemi hemm. Ser ikunu qed imexxu fuq il-*Master Plan* kif ukoll ser jitkellmu dwar il-bejjiegħa. |
| **40.6** | **Van għal użu tal-Kommunità:** Dan inxtara u ser jinġieb nhar il-Ħamis 19 ta Mejju. Elenia Desira staqsiet Kif ser ikun qed joppera dan il-van tal-Kommunità. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard spjega kif sa xahar ieħor ser jipprova jlaħħaq jippreżenta il-loġistika ta dan. Ser isir ukoll inawgurazzjoni ta' dan is-Servizz. Dettalji jingħataw aktar tard. |
| **40.7** | **Il-Vettura tal Puluzija tal-Kommunità**: Peress li issa il-Puluzija issetiljaw ġie propost li sabiex innaqsu mill-ispejjez din il-vettura issa tiġi trasferita lill-puluzija. Elenia Desira staqsiet jekk din tibqax fil-KoMmunità ta' Marsaxlokk fejn ġie rispost li jekk din tiġi trasferita allura ma jkunux jistgħu jinponu. Jista jiġi diskuss mal-Puluzija li jsir dan. Sar suġġeriment li jsir ftehim mal-Puluzija. |
| **40.8** | **Van tax-Xogħol ieħor:** Ser jinxtara van ieħor *Second Hand* peress li issa żdiedu il-ħaddiema. Dan ser jintuża għax-xogħol ta' manutenzjoni u tindif tal-lokalita. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti. |
| **40.9** | **Sqaq Busbieżi:** Tlestew l-affarijiet mal-Lands Authority pero' fondi m'hemmx biżżejed. Is-Sindku Steven Grech qal li ser jipprova jġib fondi mil-EU. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti. |
| **40.10** | **Paġna ta' Facebook:** Sar qbil bejn dawk preżenti fuq suġġeriment tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, li jsir *standard text* u jintuża dejjem l-istess *template* meta jiġu ppubblikat dokumenti fuq dan is-sit. Dan ser jiġi preżentat fil-laqgħa li jmiss. |
| **40.11** | **Palm tan naħa tal Baħar:** Beda jitwaħħal il-palm u ser jinbidlu ukoll dawk li hemm mejta. Daniel Zerafa staqsa jekk dik li kienet ftit imxengla ġietx irranġata. Is-Sindk Steven Grech wieġeb li Iva. |
| **40.12** | **Pjanta tal-iskola ghal proposta tal binja tal-Kunsill:** Is-Sindku Steven Grech informa li għamel kuntatt mal-Prim Ministru sabiex jagħmel laqgħa miegħu. Intbgħatu xi pjanti eżistenti tal-*area* fejn hemm il-Hostel. Ġiet diskussa il pjanta li ser tintalab. Daniel Zerafa propona li ssir *child care centre*. Din il-proposta intogħġbot mill-Kunsilliera preżenti. |
| **40.13** | **Bejjiegħa tal-ħut fil-monti:** Is-Sindku Steven Grech qal li jeħtieġ issir laqgħa mal-bejjiegħa tal-ħut rigward linja safra u lokazzjoni. Rigward it-tindif ser issir laqgħa mal-Cleansing. Dawn il-bejjiegħa qed iħallu ammont kbir ta' ħmieġ. |

| | |
|---|---|
| **40.13** | ***By-Laws:*** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard qal li il *By- Laws* lesti kollha minbarra waħda. Hu propona li issir laqgħa sabiex jiġu approvati**.** Sar Qbil li Issir laqgħa t'urġenża ssir nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2022 fil-5:00pm dwar il-*By-Laws*. |
| **40.14** | **Riżenja Tal Kunsilliera Dr. Janice Chetcuti:** L-ex Kunsilliera Janice Chetcuti informat li ser tkun qed tirreżenja. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, talab li tagħmel ittra bil-miktub u iffirmata peress li l-Kunsill irċieva *email* biss hu nforma lid-Dipartiment fejn ġie spjegat li peress li r-raġuni tar-reżenja mhux waħda normali imma li telgħet fil-Parlament, din issir awtomatikament u m'hemmx bżonn ittra uffiċjali. Dwar min ser jieħu posta il-Kunsill ma jista jagħmel xejn ħlief li jistenna il-partit li tirrapreżenta hi sabiex japponta persuna. |
| **40.15** | **Call for Quotations**: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard informa li wara diskussjoni mad-Direttur tal-*Compliance* minħabba s-Servizz ta' *Accountant*, ġew rakkomandati 3 *Accountants* flimkien ma' dak preżenti. Dak li jagħmel offerta sa mhux aktar minn €5,000 eskluz il-vat u skond id-dokument preżentat maħruġ min fuq it-tender jieħu is-servizz. Ser tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet. Kullħadd qabel ma' din. |
| **40.16** | **Bankina fi Triq Duncan:** Is-Sindku Steven Grech informa li tkellem mal-Perit fejn staqsa jekk din ħarġitx aktar il-barra. Hu stieden lill-Perit sabiex imur fuq il-post u jsir *survey* sabiex jaraw x'jista jsir. |
| **40.17** | **Sinjal Isfar man-naħa tal-Baħar:** Is-Sindku Steven Grech talab jekk din il-linja għandiex titkompla. Daniel Zerafa innota li din il-linja saret iktar milli suppost u allura il-wisa' għall-pubbliku tnaqqset. Is-Sindku Steven Grech ma qabilx u se jieħu ir-responsabbilta.<br>Dwar is-sinjal isfar għal parti l-oħra ser isir ħdejn ic-*central strip* u l-imwejjed jiġu ħdejn il-baħar. Ma' din in naħa ma jkun hemm xejn. Ser jingħata il-qies aktar tard. |
| **40.18** | **Laqgħat mal-Ministri:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard qal li l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici talab li jagħmel laqgħa mal-Kunsill nhar 6 ta' Ġunju 2022 fis-7:00pm. Filwaqt li l-Onorevoli Dr.Alicia Bugeja Said qed titlob laqgħa mal-Kunsill nhar l-24 ta' Mejju fl-4:00pm. |
| **40.19** | **Kunċert marbut mal-programm tal-Festa:** Kien hemm qbil unnanimu fuq il-programm preżentat. |
| **40.20** | **Ġardinar:** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard informa li irċevew applikazzjoni waħda mingħand il-JobsPlus. Fil-fehma tiegħu min applika mhux elliġibbli peress li ma jissodisfax il-kompetenzi mitluba. |
| **40.21** | ***Planning Authority*** |
| 40.21.1 | Is-Sur Daniel Zerafa informa li s-sid tal-għalqa ried itellgħa *boundary wall* u b'dan kien ser jingħalaq il-passaġġ. Il-Kunsill jaqbel li issir oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni PA2521/22 sabiex ma' jingħalaqx il-passaġġ. |

| | |
|---|---|
| **40.22** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| 40.22.1 | Skeda pagament: Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda. |
| **40.23** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 40.23.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:30, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2022, fl-17:00. |

**Konfermati, illum 21 ta' Ġunju 2022**

**IFFIRMATA**

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

______________________

**Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*